# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 23 ta' Novembru 2001**

**Appell Nru 62/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Johnson**
**George Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Johnson u George Borg talli fit-18 ta' Frar, 1997, ghall-habta tat-8.30 a.m., fil-Fgura (fil-post fejn qabel kien il-Viceroy Cinema): (**1**) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunaw il-mewt ta' Paul Bonello minn Haz-Zabbar; u (**2**) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkagunaw offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vincent Buhagiar minn Haz-Zabbar; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi, tiskwalifika lill-imsemmija Paul Johnson u George Borg milli jkollhom jew milli jiksbu licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li jidrilha xieraq kif ukoll tordnalhom sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' periti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Marzu, 2001 li permezz taghha dik il-qorti ma sabitx lill-imsemmija Paul Johnson u George Borg mhux hatja skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u lliberathom;

Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Generali, minnu ppresentat fl-4 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Lulju, 2001; ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda incident fuq ix-xoghol li fih miet Paul Bonello u korra gravement Vincent Buhagiar. L-incident gara fit-18 ta' Frar, 1997 il-Fgura, fejn kien qed isir xoghol ta' kostruzzjoni fil-post fejn qabel kien

hemm ic-cinema maghruf bhala “Viceroy”. Iz-zewg haddiema msemmija – Bonello u Buhagiar – gew imqabbdin mill-appellat George Borg (li kienet il-persuna inkarigata mix-xoghol *on site*) sabiex jaghmlu xoghol ta’ tikhil u tibjid fuq l-opramorta ta’ bini adjacenti l-post fejn kien tiela l-bini gdid. Biex ikunu jistghu jilhqu l-post fejn kellu jsir ix-xoghol, li kien pjottost fil-gholi, gie indikat lilhom mill-imsemmi Borg li huma kellhom jitilghu fi speci ta’ gagga (jew pjattaforma bl-ilqugh) liema gagga kellha imbghad tittella’ minn *crane* biex jaslu vicin ta’ fejn kellu jsir it-tikhil u t-tibjid. Is-sewwieq (jew *operator*) tal-*crane* kien l-appellat l-iehor Paul Johnson. Ftit wara li bdew ix-xoghol u meta l-*jib* tal-*crane* (bil-gagga mdendla maghha) kienet estza kwazi sat-tul massimu taghha, il-*crane* (li kienet ippustjata ezatt ma genb hofra kbira fejn di ga kien hemm parti mill-pedamenti tal-bini l-gdid) ghelbet fuq in-naha ta’ fejn kienet estiza l-*jib*; il-gagga waqghet b’tisbita fil-hofra u, b’risultat ta’ dan, miet Paul Bonello u wegga’ gravement Vincent Buhagiar. L-espert nominat mill-qorti, fir-relazzjoni tieghu, ikkonkluda li l-incident sehh minhabba l-mod mhux korrett kif kienet qed tigi operata l-*crane*, u principalment minhabba l-fatt li l-*outriggers* (li jghinu biex jinzamm baxx ic-centru tal-gravita`) ma kienux mahrugin kif suppost u anqas il-*jacks* (li jaghtu aktar stabbilita` lill-*crane*) ma kienu f’posthom. Wara li l-Avukat Generali bghat il-kaz biex jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (il-kaz kien, minhabba n-natura tal-imputazzjonijiet, kaz ta’ kumpilazzjoni) u wara li l-appellati (allura imputati) taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat sommarjament, huma ressqu bhala xhud, fl-istadju tad-difiza, lil certu Walter Gordon Edwards, persuna li, skond id-deposizzjoni tieghu stess, huwa “mechanical engineer on cranes” jew “mechanical technician” (ara fol. 238). Dana xehed fit-tul u **diversi drabi fil-kors tad-deposizzjoni tieghu ta l-fehma ossia l-opinioni tieghu ghala sehh l-incident**. Skond dana Edwards l-incident sehh minhabba hsara fis-sistema idrawlika tal-*crane*, ghal-liema hsara ma kienux responsabbli la Johnson u anqas Borg. L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, kkwalifikat lil dan Edwards bhala “espert” minkejja l-fatt li huwa ma kien qatt gie nominat mill-qorti (jew mill-magistrat inkwirenti fil-kors ta’ l-inkjesta dwar l-*in genere*) bhala perit. Fl-istess nifs, pero`, l-ewwel qorti irrikonoxxiet ukoll li dana Edwards kien “xhud ex-parte”. In fatti l-ewwel qorti qalet hekk:

“Jirrizulta wkoll li dawn iz-zewg esperti[1] li kienu fuq il-post ta’ l-incident qabel ma l-*crane* gie mnehhi minn fuq il-post ta’ l-incident. Kwindi dawn iz-zewg esperti ghamlu l-konstatazzjonijiet taghhom bil-kwadru kollu tal-incident quddiemhom. Huwa veru li Edwards hu xhud ex-parte izda l-argumenti tieghu huma validi u plawsibbli. Fic-circkostanzi kollha ta’ dan il-kaz tenut kont ukoll tax-xhieda tal-esperti prodotti d-dubbju ghandu jmur favur l-imputati. Ghaldaqstant ma ssibx lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u kwindi tilliberhom mill-istess akkuzi” (fol. 265-266).

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu wiehed u wiehed semplici, u cioe` li l-ewwel qorti accettat bhala prova l-opinjoni ta’ persuna –

[1] Hawnhekk l-ewwel qorti kienet kjarament qed tirreferi ghal William Cassar Torregiani, l-espert tekniku nominat fl-inkjesta u konfermat fl-istruttorja (ara fol. 19), kif ukoll ghal Edwards.

Edwards – li ma kienx gie nominat bhala perit u li kwindi ma setax jaghti opinjoni izda kellu jillimita ruhhu ghall-fatti.

Fil-kors tat-trattazzjoni l-abbili difensuri ta' l-appellati – l-avukati Dott. George Abela u Dott. Aldo Vella – issottomettew li l-appell kien null peress li ma kien hemm ebda *error juris* li johrog mis-sentenza. Issottomettew ukoll li Edwards kien xehed fuq fatti u mhux ta opinjoni, u li l-kwistjoni jekk l-*ourtiggers* u l-*jacks* kienux f'posthom jew le kienet kwistjoni ta' fatt u mhux kwistjoni ta' opinjoni. L-imsemmija difensuri rrilevaw ukoll li quddiem l-ewwel qorti, cioe` quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gidikatura Kriminali (u ghalhekk wara r-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali) il-prosekuzzjoni (immexxija mill-pulizija) ma kientx oggezzjonat ghal Edwards jew ghal xi parti mid-deposizzjoni tieghu.

Din il-Qorti, wara li ezaminat sew l-atti kollha, hi tal-fehma li ghandha takkolji l-appell ta' l-Avukat Generali. Hu princpju elementari tad-dritt penali taghna – u punt ta' ordni pubbliku – li bhala regola xhud ghandu jixhed biss fuq il-fatti minnu konstatati b'wiehed mis-sensi tieghu, minghajr ma jaghti opinjoni, cioe` minghajr ma jigbed inferenza jew inferenzi minn dawk il-fatti. Fis-sistema penali taghna dak li jikkaratterizza u jiddistingwi xhud espert – cioe` li jkun gie nominat mill-qorti, u li jista' jigi nominat biss mill-qorti – minn xhud li ma jkunx gie nominat espert hu li dak ta' l-ewwel jista' jesprimi l-opinjoni ossia konkluzzjoni jew fehma tieghu (Art. 656, Kap. 9) a rigward ta' l-ezami (tal-fatti) li jkun ikkonduca, mentri x-xhud li ma jkunx gie hekk nominat irid bhala regola (u ghalhekk salv certi eccezzjonijiet li johorgu mill-gurisprudenza, bhal, per ezempju, fil-kaz tal-identifikazzjoni ta' oggett jew ta' persuna, jew il-velocita` li jkun ra vettura ghddejja biha) jillimita ruhhu ghal dawk l-affarijiet li jkunu gew a konjizzjoni tieghu permezz ta' wiehed mill-hames sensi (ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Carmelo Spiteri*** Qorti Kriminali 31/8/98, deciza finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-19 ta' April, 2001; ara wkoll *passim* ***Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb u Melchior Spiteri***, App. Krim. 16/12/98). U Qorti ta' Gustizzja Kriminali hi obbligata li ma thalli u ma tippermetti lil hadd li jirraggira jew jipprova jirraggira r-regola li l-opinjonijiet u l-inferenzi jistghu jigu espressi u migbuda biss minn esperti nominati mill-istess qrati u mhux ukoll minn xhieda prodotti mill-partijiet (ara ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Pollacco*** App. Krim. 19/4/2001).

Huwa veru li fil-kors tad-deposizzjoni tieghu moghtija bl-Ingliz, ix-xhud Edwards jaghmel xi konstatazzjonijiet ta' fatt; pero` l-parti l-kbira tad-deposizzjoni tieghu ma hi xejn hlief espressjoni ta' opinjoni dwar kif, fil-fehma tieghu, sehh l-incident, imzewwqa b'hafna kliem tekniku u mizurazzjonijiet u kalkoli li palesement jezorbitaw minn kull konstatazzjoni fattwali. Addirittura f'punt minnhom id-difiza – minghajr ma giet imwaqqfa mill-ewwel qorti kif suppost kellha tigi mwaqqfa – staqsiet lil dan ix-xhud biex jaghti l-opinjoni tieghu dwar l-opinjoni tal-espert regolarment nominat mill-qorti: "In the expert's report, the expert mentioned two reasons why the accident happened, he is saying that

this was because, was attributable, to the working angle and the crane was not supported by the jacks; in your opinion how correct is this conclusion?" Din il-Qorti difficilment tista' timmagina sitwazzjoni aktar irregolari minn din. Huwa veru li quddiem l-ewwel qorti, l-ufficjal tal-pulizija li kien qed jikkonduci l-prosekuzzjoni b'ebda mod ma rregistra xi opposizzjoni ghal tali domandi u ghar-risposti ghalihom; izda, kif diga inghad, hawn qeghdin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku, u kellha tkun l-ewwel qorti li, minghajr sollecitazzjoni minn hadd, ma tippermettix lix-xhud li jesprimi opinjonijiet.

Mis-sentenza ta' l-ewwel (fol. 263 sa 266) hu evidenti li l-opinjonijiet espressi mix-xhud Edwards (dawk li l-ewwel qorti ssejhilhom "l-argumenti tieghu") kienu decizivi sabiex dik il-qorti tillibera lill-appellati. Isegwi ghalhekk li dik is-sentenza kienet radikalment ivvizzjati u li ghandha tigi revokata.

Din il-Qorti, pero`, ma hijiex tal-fehma li ghandha tiddeciedi l-meritu hija stess. F'certu sens jista' jinghad li minhabba n-nuqqas ta' l-ewwel qorti li ma waqqfitx mill-ewwel lix-xhud Edwards milli jesprimi opinjonijiet, l-appellati gew zgwidati; huma setghu, per ezempju, jirriproducu fl-istadju tad-difiza lill-espert nominat (William Cassar Torreggiani) biex dana jigi ezaminat mid-difiza; setghu anke talbu n-nomina ta' espert jew esperti ohra. In-natura tal-kaz, apparti l-konstatazzjonijiet ta' fatt li jirrisultaw anke mir-ritratti, hi tali li fehma teknika tkun mhux biss utili izda, din il-Qorti tazzarda tghid, indispensabbli. Huwa wkoll desiderabbli f'kaz simili li l-partijiet – il-prosekuzzjoni u specjalment id-difiza – ikollhom il-beneficcju tad-doppju ezami. Ghalhekk dina l-Qorti sejra tipprovdi kif infraskritt.

Ghall-motivi premessi (a) tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, (b) tqieghed lill-appellati fil-posizzjoni li kienu fiha immedjatament qabel ma xehed Walter Gordon Edwards fit-3 ta' Novembru, 2000 (ara fol. 237), u (c) tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tiddeciedi l-kawza skond il-ligi u cioe` billi, fost affarijiet ohra, tigi skartata kompletament id-deposizzjoni ta' Walter Gordon Edwards (fol. 238 sa 258), u prevja okkorrendo li jinstemghu aktar xhieda prodotti mid-difiza u/jew li jigi nominat espert jew esperti ohra skond il-ligi (Walter Gordon Edwards ma jistax ikun wiehed minnhom galadarba huwa diga ta l-fehma tieghu).